# Il-Knisja ta' San Ġużepp tas-Suq fir-Rabat

✍ Mario Fenech

Fil-pjazza ta' quddiem il-Bażilika ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria kien hemm Knisja bi storja interessanti li kienet iddedikata lil San Ġużepp.

Din il-Knisja ċkejkna kienet inbniet fl-istess post fejn qabel kien hemm żewġ Knejjes żgħar li kienu taħt il-ħarsien tal-Beata Verġni tas-Sokkors u tal-Beata Vergine tal-Itria. Dawn kienu żewġ Knejjes Filjali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Meta kien qiegħed jagħmel il-Vista Pastorali tiegħu fir-Rabat l-Isqof Mons. Balaguer kien sab li dawn iż-żewġ Knejjes ma kinux fi stat xieraq. Għaldaqstant ġew ipprofanati b'ordni tal-Isqof nhar it-22 ta' Mejju 1657.

Minflok dawn iż-żewġ Knejjes fis-sena 1730 bil-ħidma tal-Arċipriet Dun Adeodato Formosa kienet ġiet mibnija l-Knisja li ġiet iddedikata lil San Ġużepp u lill-Madonna tad-Dawl. Tlestiet u ġiet imbierka mill-istess Arċipriet Formosa fl-għodwa tat-18 ta' Marzu, 1733 fejn mexxa Quddiesa Solenni. Filgħaxija saru s-Sekondi Vespri.

Ma' din il-Knisja kien hemm Sagristija li fiha kienu jinżammu l-Opri Sagri li bihom kienet tintrama l-Knisja. Kien hemm ukoll kamra żgħira li kienet tintuża mis-Sagristan. Kellha kampnar li fih kien hemm żewġ qniepen kif ukoll koppla żgħira.

Il-Kwadru ta' fuq l-Artal li kien pinġa l-Artist Gio. Nikola Buhagiar kien hemm fih il-Figuri tal-Madonna flimkien ma' San Ġużepp. Dan il-Kwadru




*Il-kwadru li kien hemm fuq l-artal, xogħol il-pittur Gio. Nikola Buhagiar*

llum jinsab fil-Mużew tal-Ħaġar biswit il-Bażilika ta' San Ġorġ. Fih, fiċ-ċentru tat-tila hemm il-Figura tal-Madonna bil-Bambin f'idejha filwaqt li qiegħda terfa' 'l fuq minn idejh raġel biex teħilsu mill-qilla tal-ħażen ippreżentat mill-Artist fil-forma ta' Dragun bilwieqfa fuq sħaba bajda. San Ġużepp fuq il-lemin tat-tila, narawh bil-bastun bil-ġilju abjad f'idu qiegħed juri b'idejh lill-Madonna. Fuq ras il-Madonna fil-parti ta' fuq tal-Kwadru hemm żewġ Anġli żgħar qegħdin iżommu Kuruna.



*Pjazza San Ġorġ kif inhi llum*

Għalkemm din il-Knisja kienet waħda żgħira kienet ukoll Devota. Kellha legat imħolli minn ċertu Basilio Grima. Dan nafuh mill-Atti tan-Nutar Gio. Francesco Debono bid-data tal-1 t'Ottubru tal-1731. Legat ieħor kien dak li ta Filippo Vella li kien ħalla għand l-istess Nutar Debono nhar l-4 ta' Novembru tal-istess sena tal-legat ta' Basilio Grima. Din il-Knisja kienet ġiet imneħħija biex tagħmel il-wisgħa għall-pjazza ta' quddiem il-Bażilika ta' San Ġorġ.

Il-festa t-tajba lil kulħadd!